

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effetti legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

► **M1** IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 692/2014

tat-23 ta' Ġunju 2014

dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol ◀

(ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 825/2014 tat-30 ta' Lulju 2014	L 226	2	30.7.2014
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1351/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014	L 365	46	19.12.2014
► <u>M3</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1848 tal-4 ta' Ottubru 2022	L 257	1	5.10.2022

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 197, 4.7.2014, p. 87 (692/2014)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 37, 13.2.2015, p. 24 (1351/2014)
- **C3** Emendi, Ġ.U. L 114, 12.4.2022, p. 215 (692/2014)

▼B▼M1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 692/2014

tat-23 ta' Ġunju 2014

dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

▼B*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “pretensjoni” tfisser kull pretensjoni, sew asserita bi proċedimenti legali jew le, magħmula qabel jew wara l-25 ta' Ġunju 2014, taħt jew b'rabta ma' kuntratt jew tranżazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:
- (i) pretensjoni għat-twettiq ta' kull obbligu li jirriżulta skont kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta ma' wieħed minnhom;
 - (ii) pretensjoni għall-estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, ta' garanzija finanzjarja jew ta' indennizz ta' kull forma;
 - (iii) pretensjoni għal kumpens marbut ma' kuntratt jew tranżazzjoni;
 - (iv) kontropretensjoni;
 - (v) pretensjoni għall-għarfien jew l-infurzar, inkluż bil-proċedura ta' exequatur, ta' sentenza, ta' deċiżjoni bl-arbitraġġ jew ta' deċiżjoni ekwivalenti, irrispettivament minn fejn tittieħed jew tingħata;
- (b) “kuntratt jew tranżazzjoni” tfisser kull tranżazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, u sew jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dan l-iskop, “kuntratt” tinkludi bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, u kreditu, sew jekk legalment indipendenti jew le, kif ukoll kwalunkwe dispożizzjoni relatata li taqa' taħt, jew b'konnessjoni mat-tranżazzjoni;
- (c) “oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew f'Sevastopol” tfisser oġġetti li huma miksuba kompletament fil-Krimea jew fil-belt ta' Sevastopol jew li għaddew mill-aħħar trasformazzjoni sostanzjali tagħhom hemmhekk, b'mod konformi, mutatis mutandis, mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽¹⁾;
- (d) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.
- (e) “awtoritajiet kompetenti” tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl-**►M3** Anness I **◄**;

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼ M1

- (f) “servizzi ta' senserija” tfisser:
- (i) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, il-bejgħ jew il-provvista ta' prodotti u ta' teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż minn pajjiż terz lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew
 - (ii) il-bejgħ jew ix-xiri ta' prodotti u ta' teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż fejn ikunu lokalizzati f'pajjiżi terzi għat-trasferiment tagħhom lejn pajjiż terz ieħor;
- (g) “assistenza teknika” tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tkun f'forma ta' struzzjoni, parir, taħriġ, trażmissjoni ta' għarfien operazzjonali jew hilitet jew servizzi ta' konsulenza, tinkludi forom verbali ta' assistenza;

▼ M2

- (h) “entità fil-Krimea jew f'Sevastopol” tfisser kwalunkwe entità li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fil-Krimea jew f'Sevastopol, is-sussidjarji jew l-affiljati tagħha taħt il-kontroll tagħha fil-Krimea jew f'Sevastopol, kif ukoll ferġat u entitajiet oħra li joperaw fil-Krimea jew f'Sevastopol;
- (i) “servizzi ta' investment” tfisser is-servizzi u l-attivitajiet li ġejjin:
- (i) ir-riċezzjoni u t-trasmissjoni ta' ordnijiet rigward strument finanzjarju wieħed jew iktar,
 - (ii) l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem klijenti,
 - (iii) in-negozjar fl-isem proprju,
 - (iv) il-ġestjoni ta' portafoll,
 - (v) konsulenza dwar l-investment,
 - (vi) is-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn irrevokabbli,
 - (vii) it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mhux fuq bażi ta' impenn irrevokabbli,
 - (viii) kwalunkwe servizz relatat mal-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat jew negozjar f'faċilità multilaterali tan-negozjar;
- (j) “proprjetarju ta' vapur tal-Unjoni” għandha l-istess tifsira ta' “proprjetarju ta' vapur tal-Komunità” kif definit fl-Artikolu 2(2)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill 3577/92 ⁽¹⁾.

▼ B*Artikolu 2*

Għandu jiġi pprojbit:

- (a) li jiġu importati fl-Unjoni Ewropea oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew f'Sevastopol;

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).

▼B

- (b) li jkunu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew għajjnuna finanzjarja, kif ukoll l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-punt (a).

▼M2*Artikolu 2a*

1. Huma pprojbiti:

- (a) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti f'titolu ta' proprjetà fuq immobbli li jinsab fil-Krimea jew f'Sevastopol;
- (b) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti f'titolu ta' proprjetà fuq, jew fil-kontroll ta', entità fil-Krimea jew f'Sevastopol, inkluż l-akkwist totali ta' tali entità jew l-akkwist ta' ishma, u titoli oħrajn ta' natura parteċipattiva ta' tali entità;
- (c) l-għoti, jew il-parteċipazzjoni fi kwalunkwe arranġament ta' għoti, ta' self jew kreditu jew b'xi mod ieħor l-għoti ta' finanzjament, inkluż kapital ta' ekwità, lil xi entità fil-Krimea jew f'Sevastopol, jew għall-iskop dokumentat tal-finanzjament ta' tali entità;
- (d) il-ħolqien ta' kwalunkwe intrapriża konġunta fil-Krimea jew f'Sevastopol jew ma' xi entità fil-Krimea jew f'Sevastopol;
- (e) l-għoti ta' servizzi ta' investment li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d).

2. Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet f'dan l-Artikolu ma japplikawx għall-eżekuzzjoni ta' kummerċ leġittimu ma' entitajiet barra mill-Krimea jew Sevastopol fejn l-investimenti relatati ma jkunux destinati għal entitajiet fil-Krimea jew f'Sevastopol

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, sakemm l-awtorità kompetenti tkun għet infurmata mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol bil-quddiem.

Artikolu 2b

1. Huma pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija kif elenkati fl-Anness II:

- (a) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew f'Sevastopol jew,
- (b) għall-użu fil-Krimea jew f'Sevastopol.

L-Anness II għandu jinkludi ċerti oġġetti u teknoloġiji adatti għall-użu fis-setturi ewlenin li ġejjin:

- (i) trasport;
- (ii) telekomunikazzjonijiet;
- (iii) enerġija;
- (iv) prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni fir-rigward ta' żejt, gass u riżorsi minerali.

▼ M2

2. Huma pprojbiti:
 - (a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija kif elenkati fl-Anness II jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew f'Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew f'Sevastopol;
 - (b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija kif elenkati fl-Anness II, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew f'Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew f'Sevastopol.
3. Il-projbizzjonijiet taħt il-paragrafi 1 u 2, meta relatati mal-punt (b) tal-paragrafu 1, ma japplikawx fejn ma hemm l-ebda bażi raġonevoli biex jiġi determinat li l-oġġetti u t-teknoloġija jew is-servizzi taħt il-paragrafu 2 se jintużaw fil-Krimea jew f'Sevastopol.
4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-21 ta' Marzu 2015, ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014 jew permezz ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti sakemm l-awtorità kompetenti tkun ġiet infurmata mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol bil-quddiem.

Artikolu 2c

1. Huwa pprojbit il-forniment ta' għajnuna teknika, jew servizzi ta' senserija, ta' kostruzzjoni jew ta' inġinerija li jkunu direttament relatati mal-infrastruttura fil-Krimea jew f'Sevastopol fis-setturi msemmija fl-Artikolu 2b(1) kif definiti abbażi tal-Anness II, indipendentement mill-orijini tal-oġġetti u t-teknoloġija.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-21 ta' Marzu 2015 ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014, jew permezz ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt.
3. Hija pprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament jew bi ħsieb, f'attivitajiet li l-oġġettiv jew l-effett tagħhom ikun l-evazzjoni mill-projbizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 2d

1. Huwa pprojbit l-għoti ta' servizzi li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet tat-turiżmu fil-Krimea jew f'Sevastopol.
2. B'mod partikolari, huwa pprojbit għal kwalunkwe vapur li jipprova servizzi tal-kruċiera, li jidħol jew jieqaf fi kwalunkwe port li jinsab fil-Peniżola tal-Krimea elenkat fl-Anness III. Din il-projbizzjoni tapplika għal vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew kwalunkwe vapur li jkun proprjetà u taħt il-kontroll operattiv ta' proprjetarju ta' vapur tal-Unjoni jew kwalunkwe vapur li tiegħu jkun assumu r-responsabbiltà totali operatur tal-Unjoni fir-rigward tal-operazzjoni tiegħu.
3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw meta vapur jidħol jew jieqaf f'wieħed mill-portijiet elenkati fl-Anness III għal raġunijiet ta' sikurezza marittima f'każijiet ta' emerġenza. L-awtorità kompetenti għandha tkun infurmata dwar id-dħul rilevanti jew waqfa fil-port fi żmien ħamest ijiem.

▼ **M2**

► **C2** 4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-21 ta' Marzu 2015 ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt jew kuntratt anċillari konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014, jew ◀ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, sakemm l-awtorità kompetenti tkun għet infurmata mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol bil-quddiem.

Artikolu 2e

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni relattivament għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2a(1) u l-Artikolu 2b(2), u għall-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2b(1) sakemm dawn ikunu:

- (a) meħtieġa għal finijiet uffċjali ta' missjonijiet konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu immunitajiet taħt il-liġi internazzjonali, li jkunu jinsabu fil-Krimea jew f'Sevastopol; jew
- (b) relatati ma' proġetti esklussivament b'appoġġ ta' spatarijiet, jew istituzzjonijiet oħrajn tas-saħħa pubblika li jipprovdu servizzi mediċi, jew istituzzjonijiet ċivili ta' tagħlim, li jkunu jinsabu fil-Krimea jew f'Sevastopol; jew
- (c) strumenti jew tagħmir għall-użu mediku.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni relattivament għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2a(1), sakemm it-tranżazzjoni tkun għall-iskop ta' manutenzjoni sabiex tiġi żgurata s-sikurezza ta' infrastruttura eżistenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni relattivament għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2a(1) u fl-Artikolu 2b(2), u għall-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2c, fejn il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti, jew it-twettiq ta' dawk l-attivitajiet ikunu meħtieġa għall-prevenzjoni jew mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, inkluża s-sigurtà ta' infrastruttura eżistenti, jew fuq l-ambjent. F'każijiet ta' emerġenza debitament ġustifikati, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jkunu saru l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, u jipprovdi dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il- miżuri meħuda taħt dan il-paragrafu u għandhom jikkondividu kull informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

▼ **B***Artikolu 3*

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 2 ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) l-eżekuzzjoni sas-26 ta' Settembru 2014, ta' kuntatti kummerċjali konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2014, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti bħal dawn, sakemm il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entità jew il-korp li jkunu jridu jwettqu l-kuntratt ikunu nnotifikaw, mill-anqas 10 ijiem ta' xogħol qabel, l-attività jew it-tranżazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti.

▼ C1

- (b) oġġetti li joriġinaw mill-Krimea jew Sevastopol li jkunu saru disponibbli għall-awtoritajiet tal-Ukraina għal eżaminazzjoni, li għalihom tkun ġiet ivverifikata l-konformità mal-kondizzjonijiet li jagħtu l-intitolament għal oriġini preferenzjali u li għalihom kien inħareġ ċertifikat tal-oriġini skont ir-Regolamenti (UE) Nru 978/2012 u (UE) Nru 374/2014 ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina.

▼ M2*Artikolu 4*

Hija pprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament u bi ħsieb, inkluża dik indiretta, fattivitajiet li l-oġġettiv jew l-effett tagħhom ikun l-evażjoni mill-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼ B*Artikolu 5*

L-azzjonijiet mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma jagħtux lok għal responsabbiltà tal-ebda xorta fuq in-naħa tagħhom jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 6

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni fejn il-prestazzjoni ta' dawn ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, b'hal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

- (a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, mill-entitajiet jew mill-korpi elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014;
- (b) kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz jew fisem waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a).
- (c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jkunu nstabu permezz ta' arbitraġġ, deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li jkunu kisru l-projbizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament;
- (d) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, jekk il-pretensjoni tkun tirrelata mal-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun ipprojbita taħt l-Artikolu 2.

2. Fi kwalunkwe proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat li l-issodisfar tal-pretensjoni mhux ipprojbit bil-paragrafu 1, ikun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed ifittxu l-infurzar ta' din il-pretensjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1.

▼ **B**

3. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal rieżami ġudizzjarju tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u jaqsmu kull informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni rigward il-problemi tal-vjolazzjoni u tal-infurzar u s-sentenzi maqtugħa mill-qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar kull informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fuq il-websajts elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil fl-indirizzi tal-websajts tagħhom elenkati fl-► **M3** Anness I ◀.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

3. Meta dan ir-Regolament jippreżenta l-obbligu li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata jew infurmata, jew issir xi komunikazzjoni magħha xorta oħra, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li jintużaw għal din il-komunikazzjoni jkunu daww indikati fl-► **M3** Anness I ◀.

▼ **M3**

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness I abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

▼ **B***Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;
- (b) abbord kull inġenju tal-ajru jew kull bastiment fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;
- (d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

▼B

- (e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **M3***ANNEX I***Siti web b'informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni**

IL-BELĠJU

<https://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy-areas/peace-and-security/sanctions/belgian-authorities-in-charge-implementation-restrictive-measures-eu>

IL-BULGARIJA

<https://www.mfa.bg/en/EU-sanctions>

IĊ-ĊEKJA

www.financnianalytickyrad.cz/mezinarodni-sankce.html

ID-DANIMARKA

<http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/>

IL-ĠERMANJA

<https://www.bmwi.de/Redaktion/DE/Artikel/Aussenwirtschaft/embargos-aussenwirtschaftsrecht.html>

L-ESTONJA

<https://vm.ee/sanktsioonid-ekspordi-ja-relvastuskontroll/rahvusvahelised-sanktsioonid>

L-IRLANDA

<https://www.dfa.ie/our-role-policies/ireland-in-the-eu/eu-restrictive-measures/>

IL-GREĊJA

<http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html>

SPANJA

<https://www.exteriores.gob.es/es/PoliticaExterior/Paginas/SancionesInternacionales.aspx>

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/>

IL-KROAZJA

<https://mvpep.gov.hr/vanjska-politika/medjunarodne-mjere-ogranicavanja/22955>

L-ITALJA

<https://www.esteri.it/it/politica-estera-e-cooperazione-allo-sviluppo/>

ĊIPRU

<https://mfa.gov.cy/themes/>

IL-LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

IL-LITWANJA

<http://www.urm.lt/sanctions>

IL-LUSSEMBURGU

<https://maee.gouvernement.lu/fr/directions-du-ministere/affaires-europeennes/organisations-economiques-int/mesures-restrictives.html>

L-UNGERIJA

<https://kormany.hu/kulgazdasagi-es-kulugyminiszterium/ensz-eu-szankcios-tajekoztato>

MALTA

<https://foreignanddeu.gov.mt/en/Government/SMB/Pages/SMB-Home.aspx>

▼ **M3**

IN-NETHERLANDS

<https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties>

L-AWSTRJA

<https://www.bmeia.gv.at/themen/aussenpolitik/europa/eu-sanktionen-nationale-behoerden/>

IL-POLONJA

<https://www.gov.pl/web/dyplomacja/sankcje-miedzynarodowe>

<https://www.gov.pl/web/diplomacy/international-sanctions>

IL-PORTUGALL

<https://portaldiplomatico.mne.gov.pt/politica-externa/medidas-restritivas>

IR-RUMANIJA

<http://www.mae.ro/node/1548>

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/omejevalni_ukrepi

IS-SLOVAKKJA

https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA

<https://um.fi/pakotteet>

L-IŻVEZJA

<https://www.regeringen.se/sanktioner>

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (DG FISMA)

Rue de Spa 2

B-1049 Brussell, il-Belġju

Email: relex-sanctions@ec.europa.eu

▼ **M2**

▼ M2

ANNEX II

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2b

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
Kapitolu 25	MELĦ; KUBRIT; TRABIJET U ĦAĠAR; MATERJALI TAT-TIKĦIL, ĠIR U SIMENT
Kapitolu 26	MINERALI (ORES), GAGAZZA U RMIED
Kapitolu 27	KARBURANTI MINERALI, ŻJUT MINERALI U PRODOTTI TAD-DISTILLAZZJONI TAGĦHOM; SUSTANZI BITUMINUŻI; XEMGĦA MINERALI
Kapitolu 28	KIMIĊI INORGANIĊI; KOMPOSTI ORGANIĊI JEW INORGANIĊI TA' METALLI PREZ-ZJUŻI, TA' ELEMENTI KIMIĊI METALLIĊI RARI (RARE-EARTH METALS), TA' ELEMENTI RADJOATTIVI JEW TA' ISOTOPI
Kapitolu 29	KIMIĊI ORGANIĊI
3824	Binders ippreparati għall-forom tal-funderija jew il-ġewwieni tagħhom; prodotti u preparati kimiċi tal-industrija kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), li mhumiex speċifikati jew inklużi mkien ieħor
3826 00	Bijodiżil jew taħlit tiegħu, li ma jkunx fih jew ikun fih anqas minn 70 % skont il-piż ta' żejt (petroleum) jew żjut li jinkisbu minn minerali bituminużi
Kapitolu 72	Hadid u azzar
Kapitolu 73	Oġġetti tal-ħadid jew l-azzar
Kapitolu 74	Ram u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 75	Nikil u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 76	Aluminju u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 78	Ċomb u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 79	Żingu u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 80	Landa u oġġetti magħmula minnha
Kapitolu 81	Metalli ta' valur baxx; ċermiti; oġġetti magħmula minnhom
8207 13 00	GĦODOD GĦAL TĦAFFIR TA' BLAT JEW TOQOB FL-ART, INTERKAMBJABBLI, BIL-PARTIJET TAX-XOGĦOL TA' KARBURI JEW ĊERMITI TAL-METALL SINTERIZZATI
8207 19 10	GĦODOD GĦAL TĦAFFIR TA' BLAT JEW TOQOB FL-ART, INTERKAMBJABBLI, BIL-PARTI TAX-XOGĦOL TAD-DJAMANT JEW DJAMANT AGGLOMERAT
8401	Reatturi nukleari; elementi ta' fjuwil (skrataċ), mhux mixgħulin (non-irradiated), għal reatturi nukleari; makkinarju u apparat għal separazzjoni isotopika:
8402	Bojlers li jiġġeneraw stim jew fwar ieħor (ħlief bojlers ta' misħun ta' tisħin ċentrali li jistgħu jipproduċu wkoll stim ta' pressjoni baxxa); bojlers ta' ilma sopra-msaħħnin:
8403	Bojlers tat-tisħin ċentrali minbarra dawk tat-titlu Nru 8402
8404	Impjant awżiljarju għall-użu ma' bojlers tat-titlu 8402 jew 8403 (pereżempju, ekonomizzaturi, superheaters, magni li jneħħu l-faħam, li jirkupraw il-gass); kondensur għall-fwar jew unitajiet tal-enerġija tal-fwar
8405	Ġeneraturi ta' gass produttur (producer gas) jew gass tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le; ġeneraturi ta' gass ta' aċetilena u ġeneraturi simili ta' gass bi proċess ta' ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le
8406	Turbini ta' stim u turbini ta' fwar ieħor:
8407	Magni b'kombustjoni interna bil-pistuni alternanti jew rotatorji li jaqbd u bix-xrar

▼ M2

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8408	Magni bil-pistuni b'kombustjoni interna u li jitqabdbu permezz ta' kompressjoni (magni bid-diżil jew semidiżil):
8409	Partijiet tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-magni ta' intestatura 8407 jew 8408
8410	Turbini idrawliċi, roti tal-ilma, u regolaturi għalihom
8411	Turbo ġettijiet, turbo skrejjen u turbini oħrajn ta' gass
8412	Magni u muturi oħra
8413	Pompi għal likwidi, mġhamrin b'apparat għal kejl jew le; magni ta' rfiġ għal likwidi:
8414	Pompi bl-arja jew bil-vakwu, kompressuri u fannijiet ta' arja jew gass ieħor; għata għal ventilazzjoni jew għal riċiklaġġ li fihom fann, mġhammar bil-filtri jew le
8415	Magni tal-arja kundizzjonata, li fihom fann bil-mutur u elementi biex wieħed jibdel it-temperatura u l-umdità, inklużi dawk il-magni li fihom l-umdità ma tistax tkun irregolata separatament
8416	Berners tal-fuklari għal fjuwil likwidu, għal fjuwil solidu mfarrak jew għal gass; apparat mekkniku li jnajar il-bajli, inklużi l-gradilji tagħhom, skargaturi mekkaniċi ta' rmied u apparat simili
8417	Fuklari industrijali jew tal-laboratorju u fran, inklużi inċineraturi, mhux elettriċi
8418	Refriġeraturi, friżers u tagħmir ieħor li jkessaħ jew jiffriża, elettriku jew mod ieħor; pompi tas-sħana ħliet magni tal-arja kundizzjonata ta' intestatura 8415
8420	Magni tal-ikkalendar jew magni oħrajn ta' trembil, ħliet għal metall jew ħġieġ, u ċilindri għalihom
8421	Magni ċentrifugi, inklużi magni ċentrifugi li jnixxfu; makkinarju u tagħmir li jiffiltraw jew isaffu, għal likwidi jew gassijiet
8422	Magni għal ħasil tal-platti; makkinarju għat-tindif jew tnixxif ta' fliexken jew kontenituri oħrajn; makkinarju għal mili, għeluq, issiġillar jew tikkettjar ta' fliexken, bottijiet, kaxxi, boroż jew kontenituri oħrajn; makkinarju għall-inkapsular ta' fliexken, vażetti, tubi jew kontenituri simili; makkinarju ieħor għall-ippakkjar jew it-tgeżwir (inkluż makkinarju ta' tgeżwir li jiqsar u jintrass bis-sħana (heat-shrink); makkinarju li jissupplixxi l-arja fix-xorb
8423	Makkinarju tal-użin (esklużi mwieżen ta' sensitività ta' 5 cg jew aħjar), inklużi magni tal-għadd jew verifika mħaddma bil-piż; piżijiet ta' kull tip għal magni tal-użin
